# Aħbar Tajba



Dewt 18, 15-20
S 94 (95), 1-2.6-7.8-9
1 Kor 7, 32-35
Mk 1, 21-28

**"Kien jgħallimhom bħal wieħed**
li għandu s-setgħa."

Tistgħu timmaġinaw li t-TV taddar ma jkollux remote control? Ma naħsibx. Imma tafu li ħafna snin ilu ħadd ma kellu remote control? Immaġina trid toqgħod tqum kull darba li trid tibdel l-istazzjoni, jew jekk il-volum ikun xi ftit għoli żżejjed; jew forsi baxx u ma tistax tisma'. Mhux hekk biss. Fuq is-sett tat-TV ma tistax tagħmel ħafna buttuni, u allura ftit huma l-affarijiet li tista' tibdel. Illum, kull TV ikollu remote control u bih, barra li tibdel l-istazzjoni u l-volum, hemm ħafna aktar affarijiet li tista' tibdel biex il-filmat li tara jidher u jinstema' aħjar. Imn'alla jkun dak l-imbierek remote control! Hawn minnhom li saħansitra jistgħu jikkontrollow aktar minn ħaġa waħda. Jgħidulhom Universal Remote Control, u bl-istess kaxxa tkun tista' tikkontrolla t-TV, id-DVD player kif ukoll stereo jew affarijiet oħra li jużaw remote. Tal-għaġeb, hux veru!

Tgħiduli: "Imma kif din id-daqsxejn ta' kaxxa bil-buttuni se tgħinna nifhmu l-Evanġelju tal-lum?" Meta l-Iben ta' Alla ġie fid-dinja, kien hemm min mill-ewwel fehem li kien speċjali, u mexa warajh. Imma mhux kulħadd. Kien hemm min ma fehemx eżatt x'ried iwassal Ġesù, filwaqt li kien hemm min ma riedx jifhem, anzi ried iwaqqaf lil Ġesù minn dak li kien qed jagħmel. Ġesù ma qatax qalbu quddiem dan, iżda uża l-qawwa ta' Alla biex juri lin-nies li dak li ġie jagħmel kien qed jagħmlu bil-qawwa tas-Sinjur Alla. L-Evanġelju mimli mirakli li bihom Ġesù għen ħafna nies li kienu foqra, morda u maħkuma mill-ħażen. Imma b'dawn is-sinjali Ġesù ma kienx biss qed jgħin lil dawk li magħhom għamel il-mirakli, imma lil kulħadd. Meta kienu jaraw is-sinjali tiegħu, in-nies setgħu jindunaw li kien mibgħut minn Alla nnifsu, u allura wara li kienu jaraw il-mirakli, kienu jħallu kollox u joqogħdu jisimgħuh.

Dak l-istess messaġġ li Ġesù kien iwassal lin-nies tant snin ilu, għadu jasal lilna permezz tal-Knisja. Wara li Ġesù tela' s-sema, ħalla l-missjoni tiegħu f'idejn il-Knisja biex tkompli twassal l-Aħbar it-Tajba lil kulħadd. Aħna wkoll parti minn din il-Knisja, u nistgħu ngħinu lil xi ħadd biex isir jaf lil Alla ftit aħjar. Għalhekk, fil-jiem li ġejjin, ara kif tista' tressaq lil xi ħadd qrib ta' Alla. Forsi tistedinhom jiġu miegħek f'xi għaqda fil-parroċċa bħall-MUSEUM, jew tiftehmu biex tieħdu sehem fil-quddies flimkien. Il-paċi miegħek.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

KAFARNAHUM, DIXXIPLI, SIBT, SINAGOGA, TAGĦLIM, SETGĦA, SPIRTU, ĦAŻIN, ISKOT, OĦROĠ

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġ | E | S | Ù | A | S | I | N | A | G |
| E | D | I | X | X | I | P | L | I | O |
| S | A | N | D | K | B | S | K | N | G |
| Ù | P | A | I | O | T | O | A | A | A |
| D | P | G | S | R | A | Ħ | F | Z | S |
| I | O | O | S | S | GĦ | R | A | A | A |
| X | S | G | P | D | L | O | R | R | B |
| X | T | A | I | J | I | Ġ | N | E | I |
| I | I | L | R | A | M | O | A | T | Ħ |
| P | S | E | T | GĦ | A | G | H | G | R |
| L | K | R | U | Ħ | V | E | U | Z | A |
| I | O | Ħ | A | Ż | I | N | M | Z | R |
| L | T | K | R | I | S | T | U | I | I |
| A | Q | D | D | I | A | I | N | À | T |

# “Kien jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa.”



## Il-ħames ħwejjeġ għal qrara tajba

Fis-silta tal-lum iltqajna ma' persuna li għalkemm ħafna kienu jwarrbu minnha għax kienet midinba, Ġesù laqagħha u ħafrilha dnubietha. Bħal din il-ġrajja nsibu ħafna aktar fl-Evanġelju. Kull fejn kien imur, Ġesù kien ifittex lil dawk li żbaljaw u kellhom xewqa kbira li jkunu aħjar. Għalkemm illum m'għadniex naraw lil Ġesù iterraq fit-toroq tagħna, Ġesù għadu magħna u kull darba li niżbaljaw għadu jistenniena immorru għandu biex jgħina nirbħu d-dnub tagħna. Dan jagħmlu bis-sagrament tal-qrar fejn fih nitkellmu ma' saċerdot, jew aħjar konfessur, li qed ikompli l-missjoni ta' Kristu li jaħfer id-dnubiet. Madankollu tajjeb li nħejju ruħna sew sabiex dan is-sagrament jagħmilna tassew Insara aħjar.

1. Naħseb dnubieti sewwa.
2. Nindem minnhom.
3. Nagħti kelma 'l Alla li ma nerġax.
4. Inqerrhom kollha.
5. Nagħmel il-penitenza li jagħtini l-konfessur.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola

media**centre**

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

media**centre** YOUTHEME FOUNDATION